10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 32**

**15 ta' Diċembru 2025**

Il-laqgħa numru 32 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-15 ta' Diċembru fil-17.00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Steven Sultana

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3**):

Is-Sa Roberta Sultana

Is-Sur Darren Grech

Is-Sur Joe Vella

**ASSENTI:**

**Ħadd**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela    Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa. Is-Sindku informa ukoll li waqt il-laqgħa kienet ser tkun magħna Rebecca Scerri li talbet li ssegwi laqgħa bħala parti mill-istudji tagħha.

**1 Qari tal-ittri t'apoloġija**

F'din il-laqgħa kien hemm apoloġija ta' Darren Grech u Stephen Sultana li kienu msefrin u Joe Vella li kien xogħol.

**2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

**Korrezzjonijiet**

Fl-ewwel paġna kien hemm l-isem tal-viċi Sindku miktub bħala Steven minflok Stephen. Din ġiet ikkorreġuta waqt il-laqgħa.

**Kunsiderazzjoni tal-Minuti**

**Ibins** – Is-Sindku informa li hu u segretarja kellhom laqgħa ma' tal-Mużew fuq l-Ibins u ser ikunu qed nieħdu parir tal-avukat.

**Toroq -** il-contracts manager ser ikun qed jippreżenta rapport dettaljat għal Triq il-Kbira San Guzepp sabiex jingħata lill-Infrastructure Malta.

**Skola fi Trejqet Fleur De Lys –** Is-Sindku qal li hu u SE kellu laqgħa ma Transport Malta fejn kien hemm rappreżentant tal-ministeru tal-edukazzjoni li jieħu ħsieb it-trasport tal-iskejjel online. Transport Malta ukoll kienu għamlu studji fuq il-post u kienu qed jaqblu mal-kunsill lokali li sitwazzjoni hi tal-biża' u kien hemm bżonn ta' uffiċjali dejjem fuq il-post. Meta rappreżentant sema' lis-Sindku jitkellem fuq il-ħinijiet tal-għeluq qal li kien ser jgħalaq il-

microphone u Sindku qal li hu wieġeb li konna fuq il-mejda biex jitkellmu dan qabad u telaq mill-laqgħa. Ftit qabel dan ir-rappreżentant kien talab lil-kunsill u lil TM sabiex jidentifikaw post fejn jistgħu joqgħodu dawn il-coaches. Is-Sindku qal li hu kien poġġa għad-diskussjoni li triq tinqasam fi tnejn jew li Trejqa ta' Fleur De Lys fil-ħin tal-iskola tiġi li tista' tinżel minna, u iddur għal Triq il-Masturdaxxi. Vannijiet tal-iskola jibqgħu neżlin l-isfel. Il-Kunsill tkellem ukoll fuq il-ħinijiet tal-għeluq tat-Trejqa ta' Fleur De Lys u qabel li l-ħinijiet kellhom ikunu mit-08.15 – 08.45 u mis-14.10 sa 14.45. Dawn il-ħinijiet kellhom jintbagħatu lil TM.

Roberta Sultana ġibdet l-attenzjoni li Fi Triq tal-Palazz l-Aħmar kien qed ikun hemm kaos sħiħ. Is-Sindku qal li kien hemm suġġeriment minn naħa ta' resident li jkun hemm timed parking bays ta' 6 parkeġġi. Għalhekk il-kunsill kellu jibgħat ittra lir-residenti għal-kummenti tagħhom.

**Appell tat-Tender** – Is-Sindku qal li hu infurmat li l-appel fuq it-tender intrebaħ mill-kunsill lokali u għalhekk is-SE kienet qed tipprepara l-kuntratt sabiex isir dak kollu neċessarju.

## 3. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 440 u petty cash

Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq dawn l-iskedi. Petty cash ma ġietx preżentata peress li kien għadu ma għalaqx ix-xahar. Din l-iskeda ġiet iffirmata minn Silvio Vella. Roberta Sultana u Karl Carbott irrifijutaw li jiffirmaw l-iskeda fuq raġunijiet li taw fil-laqgħat ta' qabel.

## 4. Kommunikazzjoni mis-sindku

**Skema ta' Palm -** Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva email għal skema ta' Palm. Is-SE talbet lil Contracts manager sabiex jara fejn dan jista' jiġi mħawwel. Is-SE qrat dak li bagħat il-contracts manager. Karl Carabott qal li fi Triq il-Ferrovija l-kunsill kellu jiżra' siġar taż-żebbuġ. Fuq dan kien hemm qbil. Triq il-kanun ma Triq l-isportivi forsi l-contracts manager seta' jiċċekkja fejn hemm diġà l-palm. Fil-postijiet l-oħra il-kunsill qabel li jitħawlu siġar ta' tip ieħor u mhux palm.

**Bee Smart** – is-sindku informa li l-kunsill kien irċieva email sabiex il-Beesmart Childcare centre ikollu Alighting Boarding bay. Hu kien qed jissuġġerixxi biex il-parkeġġ ta' ħdejn iċ-Childcare jiġi perpendicular u li alighting boarding isir sal-16.00. Fuq dan kien hemm qbil.

**Attività fil-ġnien –** is-Sindku spjega li l-kunsill kien irċieva rikjesta għal attività għal annimali fil-ġnien għal San Valentino. Il-Kunsill xtaq aktar informazzjoni imma xtaq li din l-attività tkun bla ħlas peress li l-ġnien kien qed jingħata bla ħlas.

**EOI –** Is-Sindku qal li l-kunsill kien ħareġ espressjoni ta' interess għal bibita Natalizja fuq iz-zuntier nhar l-24 ta' Diċembru. Għal din is-sejħa kien hemm espressjoni waħda tal-KFE li żammet l-istess prezz tas-sena l-oħra. L-Kunsill qabel ma dan.

**Budget 2026** – Is-SE preżentat il-budget għas-sena d-dieħla hekk kif kien maħdum mal-accountant. Hi spjegat li l-budget kien qed jiġi ibbażat fuq skemi u kull proġett li l-kunsill qed jagħmel ser tkun abbażi ta' skemi. Il-kunsill qabel mal-budget li kien tqassam diġà lil-kunsilliera permezz ta' email.

**Triq Brighella –** Is-Sindku spjega li kienu qed isiru xi xogħolijiet u dawn.

**Fuq il-Pont** – Is-Sindku spjega li l-Enemalta kien għalqu xogħolijiet ta' fuq il-pont imma x-xogħol mhux aċċettabbli. Kienet saret pastażata kbira u kien qed jipproponi li l-pont ma jsirx tarmak bħalma sar imma jitkompla bil-konkos kif kien.

Karl Carabott qal li hu kien attenda għal ftuħ tar-razzett tat-tfal fi Ġnien Romeo Romano. Is-Sindku u l-SE ma setgħux jattendu għax kienu laqgħa ma Transport Malta. Karl Carabott qal li meta kien fuq il-post kien tkellem sabiex meta l-post ma jkunx qed jintuża ikun jista' jintuża mit-tfal vendriżi li jsegwu l-programm ta' Eko Skola. Is-sindku qal li hu kien jaqbel ma dak u kien jixtieq ukoll li jgħamel MOU sabiex il-binja tinfetaħ għal komunita' Vendriża. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha.

5. **Ħinjiet tal-uffiċju fi żmien il-Milied**

Is-Sindku qal li għal żmien il-Milied kien hemm suġġeriment li l-uffiċju jkollu ħinijiet differenti. Għalhekk il-kunsill bejn it-22 ta' Diċembru 2025 u 2 ta' Jannar 2026 kien ser jgħalaq fis-13.00. Is-Sibt 27 ta' Diċembru 2025 u s-sibt 3 ta' Jannar 2026 ma kienx ser jiftaħ. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha.

6. **Performance Bonus Staff**

Is-Sindku informa li wara li tkellem mas-SE huma kienu qed jirrakkomandaw lil-istaff għal massimu tal-performance bonus komplut. Dan għaliex kien hemm qabża ta' kwalità mill-istaff tal-kunsill. Il-kunsilliera kollha qablu ma dan.

7. **Performance Bonus Segretarju Eżekuttiv**

Il-kunsill qabel li Segretarju Eżekuttiv jingħatala l-massimu tal-performance bonus. Il-Kunsill irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv li minn naħa tagħha irringrazzjat lil kunsill tal-kooperazzjoni.

8. **Ħaddiem tal-ID**

Is-Sindku saqsa lis-SE sabiex tispjega fuq dan. Is-SE qalet li hi kienet ikkuntattjata mid-DIER sabiex tispjega fuq il-vakanza l-ġdida li bħalissa kien hemm miftuħa. Id-DIER saqsew ala l-post kienet ħarġet bħala tradesman I u mhux handyman u hi kienet wieġbet li Diviżjoni kienet talbiet tikkoreġi dan peress li ma kienetx taqbel man-nomenklatura tal-gvern. Huma saqsew ukoll x'kien ser jiġri bl-impjieg tal-ħaddiem eżistenti u hi kienet spjegat li l-kunsill kien qabel li tinħareġ vakanza ġdida sabiex jiġi konformi mal-liġi, l-ħaddiem eżistenti setgħa japplika għal-din il-kariga. Is-SE talbet lil kunsill sabiex jerġa jikkonferma dan. Is-Sindku qal ukoll li kif jintgħażel il-persuna il-kuntratt tal-persuna li hemm bħalissa mhux ser jiġġedded. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

**9. Tender Street Lighting**

Is-Sindku qal li kien ser jibda xogħol sabiex jinħareġ it-tender għal Street lighting wara li issir il-laqgħa mal-Enemalta.

**10. Talba għal-imwejjed u siġġijiet**

Is-Sindku qal li kien l-kunsill kien irċieva talba mingħand ħanut tal-pastizzi fi Triq Misraħ il-Barrieri kantuniera ma Triq Kappillan Mifsud. Dan xtaq jarma mejda u ftit siġġijiet fuq il-bankina tal-faċċata. Għalhekk ittieħed vot

Vot Favur: 0

Vot Kontra: 3

Astensjoni: 1

Il-Kunsill ma qabilx ma dan peress li l-bankina ma kienetx quddiem l-istabbiliment.

**11. Ħinijiet tal-uffiċju fix-xitwa**

Is-SE spjegat li wara tkellmet mal-istaff klerikali, kien hemm qbil li l-brejk ma jibqax jittieħed mill-istaff flimkien. Dan sabiex il-kunsill ma jagħlaqx fl-ebda ħin matul il-ġurnata bejn it-08.00 ta' filgħodu u l-16.00 ta' wara nofsinhar. Fuq dan kien hemm qbil.

**12. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta ta' 1900. Il-Laqgħa li jmiss ser issir fi 12 ta' Jannar 2025 fil-17.00.

Gianluca Falzon

Sindku

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv